**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**OMISSIS**

**Kumpilazzjoni Numru: 976/23**

Illum id-9 ta' Jannar, 2025

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **OMISSIS**, ta' Nazzjonalita' Maltija, ta' sbatax-il (17) sena, bin **OMISSIS**, imwieled il-Pieta' fit-13 t' Ottubru, 2006, u residenti **OMISSIS**, bil-karta tal-identita' numru **OMISSIS** akkużat talli fil-lejl ta' bejn il-wieħed u għoxrin (21) u t-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Ħaż-Żabbar u\jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommettejt serq ta' mutur tal-għamla Kymco Agility 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni EBV 232 għad-detriment ta' Aidan Agius Gilford, liema serq huwa

kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur liema ammont jaċċedi s-somma ta' mitejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżimu (€232.94) iżda ma jeċċediex elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżimu (€2,329.37);

2. Talli fl-istess data, lok u ħin, u ċirkostanzi volonarjament għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe' fuq l-vettura tal-għamla Kymco Agility 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni EBV232 għad-detriment ta' Aidan Agius Gilford u/jew persuna/i oħra liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);

3. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi soqt il-vettura tal-għamla Kymco Agility 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni EBV232 mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan neċessarja;

4. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi soqt il-vettura tal-għamla Kymco Agility 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni EBV232 mingħajr ma kont kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

U akkużat ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-wieħed u għoxrin (21) u t-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Triq Għar Dalam, Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

5. Kellek fil-pussess tiegħek il-pjanta kannabis kollha jew biċċa minnha, fl-ammont ta' tnejn punt disgħa grammi (2.9g) meta għadek taħt it-tmintax-il (18) sena, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li kienet għall-użu esklussiv tiegħek.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex Din il-Qorti f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex Din il-Qorti f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A *et seq,* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-

akkużat jħallas id-danni *ai termini* tal-istess Artikoli 15A u 532A *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023 quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Astrid May Grima l-Ispettur Kurt Farrugia u Dr. Giuliana Magro Conti għall-Avukat Ġenerali qraw u ħalfu l-akkużi bil-ġurament[1];

Rat id-dokumenti esebiti senjatament:

(a) Il-kunsens tal-Avukat Ġenerali datat 23 ta' Novembru, 2023 sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[2];
(b) Ordni tal-Avukat Ġenerali datata 23 ta'Novembru, 2023[3] *ai termini* tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) Iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat[4];
(d) Il-fedina penali tal-imputat[5];
(e) L-okkorrenza bir-referenza numru 4/POL/6397/2023 datata 22 ta' Novembru, 2023[6];
(f) Stqarrija tal-imputat[7];
(g) Fattura datata 22 ta' Novembru, 2023 maħruġa minn Gordon's motocentre[8];
(h) Esebit[9].

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023 quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Astrid May Grima l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li dik il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' wara li l-imputat waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2023 wieġeb li hu ħati,

---

[1] Ara a fol 3A *et seq* tal-proċess
[2] Ara Dok. AMG1 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023, a fol 4 tal-proċess
[3] Ara Dok. AMG2 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023, a fol 5 tal-proċess
[4] Ara Dok. AMG3 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023, a fol 6 tal-proċess
[5] Ara Dok. AMG4 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023, a fol 7 tal-proċess
[6] Ara Dok. AMG5 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023, a fol 9 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok. AMG6 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023, a fol 13 *et seq* tal-proċess
[8] Ara Dok. AMG7 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023, a fol 16 tal-proċess
[9] Ara Dok. AMG8 esebit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2023, a fol 17 tal-proċess

wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-Avukat tiegħu li l-Qorti għaddiet sabiex tagħti każ din l-ammissjoni tiegħu.

Il-Qorti ma tqisx illi hemm raġuni tajba *ai termini* tal-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex tiddubita li *nonostante* l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament m'huwiex ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk, li l-akkużi huma sodisfaċjentement ippruvati.

Rat li l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta bħala Qorti tal-Minorenni;

Rat il-verbal tad-29 ta' Frar 2024[10] u li permezz tiegħu r-Rappreżentanti tal-Probation u l-Parole ħadu konjizzjoni tal-każ odjern b'dan li l-kawża ġiet differita għall-*pre-sentencing report* tal-Uffiċċjal tal-Probation u l-Parole;

Rat il-*Pre-sentencing report* redatt mill-Uffiċċjal tal-Probation Marilyn Testa datat 17 ta' Ottubru, 2024[11];

Semgħet lil **Marilyn Testa** bħala *Probation Officer*[12] fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2024 li ħalfet il-*pre-sentencing report* li ħejjiet fil-konfront tal-imputat. Spjegat li r-rapport inkiteb fuq perjodu pjuttost twil u dan il-perjodu ntuża biex jiġi evalwat l-andament tal-imputat jekk possibilment jingħata ordni ta' xogħol fil-komunita'. L-imputat falla, intbagħat Programm taż-Żgħażagħ li organizzaw min-naħa tad-Dipartiment u falla kważi nofshom. Naqas li jattendi diversi appuntamenti mal-Uffiċjal tal-*Probation*, kien hemm ħafna drabi fejn naqas li jagħti kampjun tal-awrina u hemm kollox spjegat fir-rapport. Lejn l-aħħar kien hemm drabi fejn telaq u meta pruvaw jitolbu kampjun tal-awrina ħadu prekawzjoni ulterjuri għaliex daħħlilhom suspett li kien qed jinganna fil-kampjun u qabad u telaq. L-

[10] Ara a fol 23 tal-proċess
[11] Ara Dok. MT1 esbit mill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Testa fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024, a fol 36 *et seq* tal-proċess
[12] Ara a fol 32 *et seq* tal-proċess

imputat isostni li m' hemmx problemi relatati m'abbuż ta' droga pero' x-xhud konċernata dwar dan l-aspett meta wieħed jikkunsidra li hemm ukoll akkuża ta' pussess ta' kannabis taħt l-eta'. Mill-aspett soċjali l-gwida mingħand il-ġenituri ma tidhirx li hija waħda daqshekk b'saħħitha. Iżżid tgħid ukoll li omm l-imputat ġieli ċemplitilha tiġġustifika n-nuqqasijiet ta' binha anke meta ma tax kampjuni tal-urina b'dan li tipprova ttaffi s-sitwazzjoni minkejja l-fatt li jagħtuh it-tazzi tal-ilma u jħalluh jistenna fil-*waiting room*, jagħmel passiġġata u jerġa' jitla'. Ix-xhud iżżid tgħid li r-residenza tiegħu tindika problemi soċjali kbar. Hu jgħix m'ommu u missieru tar-rispett, kunjomu hu ta' missieru tar-rispett pero' l-missier bijoloġiku huwa xi ħadd ieħor. Hemm ukoll xejriet kriminoġeniċi. Kompliet tispjega li waqt il-kumpilazzjoni tar-rapport l-imputat wera wkoll attitudni ta' omerta' fejn kien hemm ċertu affarijiet li staqsietu sabiex tkun tista' tevalwa r-rimors, ma' min qed jagħmilha u ma bediex isemmi ċertu affarijiet. Fir-rigward tar-reat irriżulta wkoll illi dan kien maħsub sew għaliex meta mar fuq il-post fejn seraq il-mutur kien mar preparat u kellu plakka. Jiddeskrivi l-plakka biex jistartja l-mutur u kellu wkoll *helmet*. Kompliet tgħid li r-rimors kien superfiċjali anke meta kien mistoqsi jekk kienx lest li jagħti kumpens kien wieġeb bħal speċi "***ma hemmx x'tagħmel ikolli ntih***". Hemm nuqqas ta' struttura soċjali għaliex m'hemmx impjieg, m'hemmx taħriġ u ma jidhirx li hemm motivazzjoni. L-imputat jgħid li jagħmel biċċa xogħol 'l hemm u 'l hawn iżda ma setax jiġi vverifikat x'inhu x-xogħol. Issemmi wkoll episodju meta darba ċemplet lill-omm f'nofsinhar b'dan li l-imputat binha kien għadu rieqed jiġifieri hemm dubju kemm ix-xogħol hu regolarizzat. Minħabba dawn il-fatturi, kif hemm kollox spjegat fir-rapport qed tirrakkomanda piena ta' ħabs effettiv.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiża jitrattaw fuq il-piena;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment il-provi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**:

L-imputat qed jiġi mixli talli fil-lejl ta' bejn il-wieħed u għoxrin (21) u t-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Ħaż-Żabbar u\jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommettejt serq ta' mutur tal-għamla Kymco Agility 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni EBV 232 għad-detriment ta' Aidan Agius Gilford, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur liema ammont jaċċedi s-somma ta' mitejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżimu (€232.94) iżda ma jeċċediex elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżimu (€2,329.37);

2. Talli fl-istess data, lok u ħin, u ċirkostanzi volonarjament għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe' fuq l-vettura tal-għamla Kymco Agility 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni EBV232 għad-detriment ta' Aidan Agius Gilford u/jew persuna/i oħra liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250);

3. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi soqt il-vettura tal-għamla Kymco Agility 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni EBV232 mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan neċessarja;

4. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi soqt il-vettura tal-għamla Kymco Agility 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni EBV232 mingħajr ma kont kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

U akkużat ukoll talli fil-lejl ta' bejn il-wieħed u għoxrin (21) u t-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Triq Għar Dalam, Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

5. Kellek fil-pussess tiegħek il-pjanta kannabis kollha jew biċċa minnha, fl-ammont ta' tnejn punt disgħa grammi (2.9g) meta għadek taħt it-tmintax-il (18) sena, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li kienet għall-użu esklussiv tiegħek;

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tara li m'għandhiex triq oħra ħlief li tiddikjara li l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat ġew sodisfaċentement pruvati.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti wara li ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri u ċioe' fl-ewwel seduta meta tressaq taħt arrest u għalhekk naturalment ma nstemgħu l-ebda xhieda. Il-Qorti qieset il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutili għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[13] u **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[14]. Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet. Min-naħa l-oħra l-Qorti tara r-rakkomandazzjoni hekk kif elenkata fil-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Testa li permezz tiegħu qed jiġi suġġerit li:

***"... jingħata piena ta' priġunerija sabiex ikollu opportunita' jingħata l-għajnuna meħtieġa f'amjent ikkontrollat.***

***Barra minn hekk minn hekk qed jiġi rakkomandat ukoll li jkun hemm kumpens tas-somma kollha għall-ispejjeż li daħal fihom il-vittma sabiex isewwi l-mutur*"**.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li l-imputat għadu minorenni u għalhekk apparti li jibbenifika minn tnaqqis tal-gradi fil-piena minħabba l-eta' tiegħu, din il-Qorti trid li tagħti l-opportunita' lill-istess imputat biex jaqbad it-triq tas-sewwa pero' fl-istess ħin tgħaddi messaġġ ċar li reati ta' din ix-xorta huma serji anke fil-kuntest ta' ħsieb u premeditazzjoni. Huwa proprju minħabba dawn il-fatturi kollha li l-Qorti m'hijiex tilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Uffiċċjal tal-Probation għal kundanna ta' priġunerija

[13] Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 ta' Frar 1997
[14] Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002]

effettiva iżda ser tikkundannah għal piena li din il-Qorti tara li jekk l-imputat verament irid, għandha l-potenzjal li twasslu għat-triq 'il bogħod mill-Kriminalita' b'dan li jekk ma jitgħallimx mill-iżbalji, l-konsegwenzi jkunu aktar onerużi. Din il-Qorti trid tirrimarka wkoll li fejn jidħol sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja u polza t'assigurazzjoni, dawn jista' jkollhom konsegwenzi ħafna agħar u hu proprju għalhekk li l-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat għal żmien tnax-il xahar milli japplika għall-liċenzja tas-sewqan.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 261(b), l-Artikolu 261(ċ), l-Artikolu 261(f), l-Artikolu 261(g), l-Artikolu 263(a), l-Artikolu 265, l-Artikolu 267, l-Artikolu 270, l-Artikolu 271(g), l-Artikolu 278(1), l-Artikolu 278(3), l-Artikolu 280(2), l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Proviso 4A tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li **ssib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu tikkundannah għall-piena ta' sena priġunerija, iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok li tingħata sentenza sospiża a tenur tal-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, għandu fedina penali netta tissospendi t-terminu ta' sena priġunerija għal sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza**.

A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti ukoll a tenur tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104, l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 30(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiskwalifika lill-imputat għal żmien tnax (12)-il xahar milli japplika għall-liċenzja tas-sewqan.

*In oltre* l-Qorti qed tordna li jinħareġ **Ordni ta' Trattament** *ai termini* tal-Artikolu 412(D)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat issa l-ħati għal tul ta' sentejn dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza biex l-imputat, issa l-ħati jindirizza l-problema tad-droga tiegħu kif ukoll jindirizza aspetti tal-karattru u l-personalita' tiegħu u kwalunkwe kondizzjoni oħra li l-istess professjonisti jikkonstataw jew jaraw li trid tiġi ndirizzata u b'hekk jingħata kwalunkwe għajnuna psikoloġika u psikjatrika li jista' jkun hemm bżonn.

A tenur tal-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat b'mod ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat issa l-ħati. L-Qorti qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi notifikata lid-Direttur tal-Probation and Parole. L-Uffiċċjal tal-Probation assenjat għandu jirraporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-istess imputat issa l-ħati kull tliet (3) xhur.

*Ai termini* tal-Artikolu 15A u l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-imputat irodd lura lid-derubat Aidan Agius Gilford s-somma ta' erba' mija, erbgħa u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżimu (€444.39[15]) fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza. B'applikazzjoni tal-Artikolu 15A(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tawtorizza lill-imputat issa l-ħati jħallas tali ammont imsemmi bin-nifs u dan *entro* t-terminu ta' sitt (6) xhur imsemmi;

*Stante* li ma rriżultax li kienu magħmula spejjeż peritali, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

---

[15] Skont il-fattura esebita, fol 16 tal-proċess

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**